Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 39/2018

**Sergio Ciantar**

**Vs**

**ST Microelectronics (Malta) Limited**

4 ta' Ottubru, 2019.

1. Permezz ta' rikors preżentat fis-6 ta' Lulju, 2009 fit-Tribunal Industrijali, l-attur ilmenta li fil-15 ta' Mejju, 2009 kien tkeċċa inġustament mill-impjieg li kellu mal-kumpannija konvenuta u fejn kien jaħdem bħala *'Purchasing Officer'*. Fl-ittra ta' terminazzjoni l-prinċipal kiteb:-

   *"On 19th January 2009 you were clearly and explicitly instructed by the Company's Financial Director, a Director of ST Malta, not to make contact with two Company suppliers namely Dynamed Limited and Accepta Limited.*

   *However, you deliberately ignored these top management instructions and the Company IT record of telephone calls officially recorded that you did actually contact both these Companies contrary to your instructions and only a few minutes after you were given these instructions.*

   *As a result of this very serious breach of Company discipline and insubordination, the Company cannot contiune to maintain trust in you that is necessary to be able to conduct your work performance to the ethical standards requested by ST Malta".*

2. L-attur talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallsu kumpens xieraq li jiġi likwidat mill-istess Tribunal.

3. Il-konvenuta wieġbet li kien hemm raġunijiet validi għalfejn itterminat l-impieg u fit-tweġiba hemm spjegazzjoni ta' x'wassal għal dik id-deċiżjoni.

4. B'deċiżjoni tat-12 ta' Marzu, 2014, it-Tribunal Industrijali ddeċieda li kien hemm ksur tal-Artikolu 36(14) tal-Att Dwar l-Impjiegi (Kap. 452) u kkundanna lill-

konvenuta sabiex tħallas lill-attur kumpens ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

5. Minn dik id-deċiżjoni appellat il-konvenuta u b'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2015 din il-qorti rrevokat id-deċiżjoni tat-Tribunal u qalet li kellu jagħmel stħarriġ dwar jekk l-attur wettaqx id-dmirijiet tiegħu fil-post tax-xogħol bid-dovuta diliġenza ta' *bonus pater familias* skond l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

6. B'deċiżjoni tad-9 ta' April, 2018, it-Tribunal Industrijali ċaħad it-talba tal-attur wara li osserva:

> *"It-Tribunal ikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-każ u jibda biex igħid li l-vera disputa bejn il-partijiet hija jekk Sergio Ciantar mexa u osserva l-istruzzjonijiet li ngħatawlu. Jidher ċar illi Sergio Ciantar kien ingħata struzzjonijiet speċifiċi sabiex ma jagħmilx kuntatt aktar ma' żewġ kumpanniji tant li x-xogħol kien tqassam ma' diversi impjegati u dawn il-kumpanniji li jissupplixxu lill-kumpannija ST marru għand impjegati differenti. Illi jirriżulta ampjament li Sergio Ciantar xorta kkuntattja liż-żewġ kumpannij immedjatament dan juri biċ-ċar ksur tal-ordnijiet li ingħatawlu, kważi kważi it-Tribunal jasal biex igħid li sfida l-ordnijiet u mar kontra tagħhom meta kien jaf li qiegħed jiġi investigat. Jirriżulta ċar ukoll illi l-prezz kien wieħed kbir bejn iż-żewġ quotes u aktar tagħti x'tifhem u llum jirriżulta li l-prezz huwa prezz ferm ridott.*
>
> *Deċiżjoni.*
>
> *It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ra u eżamina d-dokumenti eżibiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jiddikjara li Sergio Ciantar ma rnexxilux jipprova li kien sofra minn tkeċċija inġusta u li l-kumpannija kienet ġustifikata li tkeċċi lil Sergio Ciantar.*
>
> *It-Tribunal jinnota illi meta ċerti persuni jokkupaw ċerti karigi dawn ma jaqgħux taħt il-ftehim kollettiv u bħala fatt il-ftehim kollettiv igħid li dan il-ftehim jinkwadra 'All Industrial employees' u għahekk Sergio Ciantar ma jaqax taħt il-ftehim kollettiv.*
>
> *Għaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi billi jiċħad dan l-appell bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet".*

7. Fid-19 ta' April, 2018, l-attur appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fejn l-aggravju hu li t-Tribunal iddeċieda ħażin punt ta' dritt. L-attur isostni li t-Tribunal ikkunsidra li huwa ma osservax u li ma mexiex skond l-istruzzjonijiet li ngħatawlu mill-kumpannija konvenuta. L-attur jilmenta li t-Tribunal naqas milli japplika punt ta' liġi li joħroġ mill-kliem stess tal-liġi. It-Tribunal ikkonkluda li n-nuqqas fuq il-post tax-xogħol hu biżżejjed biex iwassal għal-liċenzjament tal-impjegat pero' dan mingħajr ma eżamina l-kwistjoni kardinali "*Jekk tali nuqqas*

*kienx wieħed tant gravi li kellu bilfors iwassal għal tali tkeċċija".* L-attur argumenta li fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal ma kkunsidrax jekk in-nuqqas tal-attur kienx ta' natura gravi tali li jirrendi ġustifikabbli t-tkeċċija. F'dan ir-rigward l-attur għamel riferenza għall-ġurisprudenza. L-attur jinsisti li għalkemm it-Tribunal ikkonkluda li huwa kien sfida l-ordnijiet u mar kontra tagħhom, *"l-istħarriġ li kellu jsir iżda kien li jiġi stabbilit jekk tali raġuni hijiex waħda milquta b'tant gravita li timmerita li ssir it-tkeċċija."* L-attur isostni li l-ftit telefonati li għamel kontra l-ordni, li kellu s-superjur tiegħu, kien nieqes minn kwalunkwe motiv ħażin u ma ġabu l-ebda konsegwenza negattiva fuq il-kumpannija. Għalkemm il-kovenuta ppruvat tagħti l-impressjoni li spiċċat li kellha tħallas aktar għall-merkanzija, dan hu kontradett mill-provi, b'mod partikolari minn *email* datata 19 ta' Jannar, 2009, ta' Philip Boswell. L-attur kompla li dan hu każ evidenti fejn il-prinċipal ried jeħles minnu, kif jirriżulta mill-varji *charges* inkompatibbli wieħed ma' l-ieħor li saru fil-konfront tiegħu. Fl-aggravju saru wkoll diversi konsiderazzjonijiet dwar il-provi li ressqu l-partijiet.

8. Permezz ta' tweġiba preżentata fit-2 ta' Mejju, 2018, il-kumpannija konvenuta tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn il-qorti għandha tiċħad l-appell u rribattiet għall-konsiderazzjonijiet ta' fatt li saru mill-attur fir-rikors tal-appell. Il-konvenuta għamlet ukoll riferenza għall-Artikolu 82 (3) tal-Kap. 452 li jipprovdi li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali jista' jsir biss fuq punt ta' dritt. Il-konvenuta ssostni li l-appell tal-attur sar fuq punti ta' fatt u għalhekk l-appell null. Żiedet li ma sarx appell fuq l-uniku punt ta' dritt li ddeċieda t-Tribunal, ċioe' fejn qal illi l-ftehim kollettiv li għalih irrefera l-attur fil-kors tal-ġbir tal-provi japplika biss għal *'industrial employees'* u li Sergio Ciantar ma kienx jaqa' f'dik il-kategorija ta' impjegati.

9. L-ewwel parti tar-rikors tal-appell tal-attur m'hu xejn għajr riferenza għall-provi u xi kummenti tal-attur dwar l-istess.

10. Deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali huma appellabbli **<u>biss</u>** fuq punt ta' liġi, li ċertament m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' punti ta' fatt.

11. Fir-rikors tal-appell l-attur spjega l-ilment tiegħu b'dan il-mod:

> *"Illi fid-deċiżjoni finali tiegħu, it-Tribunal iddeċieda malament punt ta' dritt li nġieb quddiemu. Fis-sentenza li minnha qed jiġi interpost dan l-umli appell, it-Tribunal ikkunsidra li l-appellant m'osservax u ma mexiex skont l-istruzzjonijiet li ngħatawlu mill-kumpannija appellata. L-istess Tribunal ikkonkluda li peress li hu sfida dawn l-ordnijiet, l-appellant ma sofriex minn tkeċċija inġusta u għalhekk 'il-kumpannija kienet ġustifikata li tkeċċi lil Sergio Ciantar'. It-Tribunal iżda naqas milli japplika punt legali li joħroġ mill-kliem stess tal-liġi. Evidentement, l-istess Tribunal ikkonkluda li dan in-nuqqas fuq il-post tax-xogħol hu biżżejjed biex iwassal għal-liċenzjament tal-impjegat u dan mingħajr ma eżamina l-kwistjoni kardinali jekk tali nuqqas kien wieħed tant gravi li kellu bilfors iwassal għal tali tkeċċija. Ma ingħad xejn fis-sentenza appellata dwar il-punt legali li l-motivazzjoni tat-tkeċċija trid tkun ta' natura tant gravi li tirrendi ġustifikabbli l-liċenzjament......*
>
> *Dak li għalhekk naqas milli jagħmel it-Tribunal fis-sentenza li minnha qiegħed jiġi interpost dan l-umli appell kien li **jevalwa jekk it-tkeċċija tal-appellanat saritx mhux biss għaliex dan kiser l-ordni li ġiet imposta fuqu, iżda għaliex dan il-ksur ta' dik l-ordni kien jikkostitwixxi azzjoni tant gravi bħala raġuni 'tajba u biżżejjed' għal-liċenzjament**. L-oneru tal-prova f'dan il-każ kien jispetta lis-soċjeta appellata, u in vista tal-provi li tressqu pendenti l-proċeduri odjerni, ma ġiex sodisfaċentement ippruvat illi il-istess soċjeta lliċenzjat lill-appellant għar-raġuni 'tajba u biżżejjed' skont il-liġi".*

12. It-Tribunal ikkonkluda li l-attur m'obdiex l-ordni tas-superjur tiegħu (Santino Portera) sabiex ma jitkellimx ma' uffiċjali ta' Dynamed Limited u Accepta Ltd. Il-konvenuta ppreżentat prova li fid-19 ta' Jannar, 2009 minn fuq il-linja tat-telefon tal-uffiċċju tal-attur saru 6 telefonati lil Dynamed Limited u telefonata waħda lil Accepta Ltd. (fol. 229 u deposizzjoni ta' Jeffrey Falzon).

13. Il-qorti ma taqbilx mal-attur li t-Tribunal ma kkunsidrax li l-ksur ta' dik l-ordni kienet tant gravi, li setgħet twassal għat-tkeċċija mill-impieg. Għalkemm ma qaliex espressament, pero' t-Tribunal Industrijali qal, *"Jirriżulta ċar ukoll illi l-prezz kien wieħed kbir bejn iż-żewġ quotes u aktar tagħti x'tifhem u illum jirriżulta li l-prezz huwa ferm ridott".* Raġunament li għall-qorti, wara li qrat l-atti, jista' jfisser biss li fil-fehma tat-Tribunal l-attur m'obdiex l-ordni tal-prinċipal għaliex kien qiegħed jaħdem kontra l-interessi tal-prinċipal tiegħu. Konklużjoni li evidentement it-Tribunal wasal għaliha wara li kkunsidra d-diskrepanza bejn

il-prezz li offriet Dynamed Limited u dak li offriet Accepta Ltd. għall-istess prodott, u l-prezz li bdiet tħallas il-konvenuta wara li nqala' l-każ. Konklużjoni li għandha x'taqsam mal-apprezzament tal-provi u li dwarha din il-qorti għandha idejha marbutin in kwantu d-dritt ta' appell hu biss fuq punt ta' dritt. L-attur għamel l-argumenti tiegħu għalfejn fil-fehma tiegħu t-Tribunal Industrijali kellu jikkonkludi li meta l-attur kiser l-ordni tas-superjuri tiegħu m'għamilx hekk b'ħażen. Pero' dik hi materja ta' apprezzament ta' provi li hi mħollija f'idejn it-Tribunal Industrijali. Għaldaqstant ġialadarba din il-qorti ma tistax tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid u tasal għall-konklużjoni indipendenti tagħha dwar il-provi li ressqu l-partijiet, l-appell tal-attur ma jistax jirnexxi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.